**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 578/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Hossam Amgad Anwar Aly ELNILY**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-4 ta' April 2023 fil-konfront ta' **Hossam Amgad Anwar Aly ELNILY**, iben Amgad Anwar Aly Elnily u Rita nee` Montesin, imwieled il-Pieta` nhar is-6 ta' Jannar 1997 u residenti ġewwa Reverie, Flat 1, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 17897(M), li ġie mixli talli[1]:

[1] Ara l-imputazzjonijiet preżentati fil-konfront tal-imputat (illum appellat) fis-seduta miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar it-18 ta' Novembru 2022 (a fol. 45 *et seq* tal-atti proċesswali).

B’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, b’riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar il-25 ta’ Settembru 2022, għall-ħabta tat-03.15hrs u/jew ħinijiet ta’ qabel jew wara, ġewwa Triq San Patrizju, Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ flus kontanti minn kaxxa tad-donazzjonijiet, għad-detriment ta’ Domenic Borg u/jew persuni u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Kif ukoll talli fil-lejl ta’ bejn it-28 ta’ Settembru, 2022 u d-29 ta’ Settembru, 2022 ġewwa ‘Hastings Kiosk’ li jinsab Triq l-Ordinanza, Belt Valletta, bil-ħsieb li jagħmel reat ta’ serq għad-detriment ta’ Jovana Angelkovska u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma kienx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċentezmu (€232.94), iżda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 261, 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-28 ta’ Settembru, 2022 u d-29 ta’ Settembru, 2022 ġewwa ‘Hastings Kiosk’ li jinsab Triq l-Ordinanza, Belt Valletta, volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, ċioe` bieb tal-injam, għad-detriment ta’ Jovana Angelkovska u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema ħsara tiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250), iżda mhux aktar minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta’ *Probation*, mogħtija mill-Qorti ta’ Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. nhar l-20 ta’ Settembru 2022, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

5. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 263, 267, 270, 289 u 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum appellat) **Hossam Amgad Anwar Aly ELNILY** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u kkundannatu għal sena priġunerija.

Rigward il-fatt li kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation*, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella nhar l-20 ta' Settembru 2022, il-Qorti ordnat illi dik l-Ordni ta' *Probation* terġa' tidħol fis-seħħ mid-data tas-sentenza, bl-istess kundizzjonijiet.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi b'rikors intavolat nhar l-14 ta' April 2024, l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex "*tikkonferma s-sentenza appellata relattivament għas-sejbien ta' ħtija stante ammissjoni filwaqt li tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata limitatament fir-rigward il-piena u tgħaddi biex tiddisponi minn dan l-umli appell skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja*".

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi nhar l-1 ta' Ottubru 2022, l-appellat tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Mill-atti proċesswali jirriżulta illi fis-seduta miżmuma quddiem dik il-Qorti fit-18 ta' Novembru 2022, wara illi l-Uffiċjal Prosekutur ippreżenta *charge sheet* oħra fil-konfront tal-appellat, din id-darba billi ġew irtirati l-imputazzjonijiet li oriġinarjament kienu numru 4 u 5 konnessi ma' serqa oħra ġewwa *Miami Snack Bar,* Triq il-Lanċa, Belt Valletta, l-imputazzjonijiet ġew moqrija u kkonfermati bil-ġurament mill-istess Uffiċjal Prosekutur u waqt l-eżami tal-appellat skont il-liġi, dan irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet hekk miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermatha minnu wara li l-Qorti segwiet il-proċedura fit-termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali.

5. Illi fl-istess udjenza, id-difiża talbet li jiġi redatt *Pre-Sentencing report* fil-konfront tal-appellat, kif fil-fatt sar u nhar l-4 ta' April 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaddiet għas-sentenza tagħha, fejn kif ingħad, sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u filwaqt li kkundannatu għall-piena ta' sena priġunerija, fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, ordnat illi l-Ordni ta' *Probation* mertu tal-istess imputazzjoni "*terga' tidhol fis-sehh millum bl-istess kundizzjonijiet*".

6. Illi l-uniku aggravju tal-Avukat Ġenerali fir-rigward tas-sentenza appellata huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti żbaljat meta tat piena ta' sena priġunerija effettiva u fl-istess waqt ordnat li jerġa' jinġieb fis-seħħ Ordni ta' *Probation,* u dan stante illi skont l-Avukat Ġenerali, m'huwiex possibbli li perjodu ta' priġunerija u Ordni ta' *Probation* jimxu flimkien. Hawnhekk l-Avukat Ġenerali tirreferi għall-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta mil-liema jirriżulta illi Ordni ta' *Probation* hija alternattiva għal piena karċerarja, kif ukoll għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-10 ta' Diċembru 2015, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brendan Cachia**, fejn ingħad illi:

> L-Avukat Generali ghandu ragun in rigward mhux legalment possibbli illi persuna tkun kkundannata ghall-prigunerija u fl-istess waqt tinhareg kontra taghha Ordni ta' Probation.

7. Illi fir-rigward, fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju 2024, l-avukat difensur tal-appellat iddikjarat illi kienet qed tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

8. Illi din il-Qorti tirrileva minnufih illi hemm kwistjonijiet oħra li għalkemm ma ġewx imqanqla mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell, l-ewwel Qorti kellha toqgħod attenta dwarhom. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tindika l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali fil-parti dispożittiva tal-istess sentenza u dan minkejja illi sabet lill-appellat ħati tat-tentattiv ta' serq mertu tat-tieni imputazzjoni. In oltre minkejja illi trattat mal-appellat għar-reati li dwarhom huwa kien ingħata Ordni ta' *Probation* mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Settembru 2022, l-ewwel Qorti lanqas ma indikat l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom kien instab ħati permezz ta' din is-sentenza, u dan minkejja li l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi l-Qorti titratta lill-ħati daqs li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-Qorti għal dak ir-reat. Mhux hekk biss, iżda wara li l-Qorti tal-Maġistrati aċċettat illi jiġu rtirati żewġ imputazzjonijiet minn dawk oriġinarjament addebitati lill-appellat, l-istess Qorti għaddiet sabiex sabitu ħati wkoll ta' dawn l-imputazzjonijiet.

9. Iżjed minn hekk, madankollu, din il-Qorti jidhrilha illi la darba kienet bdiet il-kumpilazzjoni fil-konfront tal-appellat bl-imputazzjonijiet ippreżentati oriġinarjament mill-Uffiċjal Prosekutur nhar it-3 ta' Ottubru 2022, u ngħata d-digriet tal-*prima facie* mill-ewwel Qorti, fejn allura dik il-Qorti sabet illi kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-appellat jitqiegħed taħt att ta' akkuża in konnessjoni ma' dawk l-imputazzjonijiet, fit-termini tal-Artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali, l-Uffiċjal Prosekutur ma kellu l-ebda setgħa illi jnaqqas mill-imputazzjonijiet oriġinali li bihom kien ġie mixli l-appellat. Fil-fatt, kif ingħad, jirriżulta illi fis-seduta miżmuma quddiem il-Qorti Istruttorja fit-18 ta' Novembru 2022, il-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjonijiet konnessi ma' serqa oħra ġewwa *Miami Snack Bar,* Triq il-Lanċa, Belt Valletta. Wara li jingħata d-digriet

tal-*prima facie,* il-Qorti għandha tmexxi sabiex tieħu kull azzjoni jew miżura oħra li għandha x'taqsam mal-kumpilazzjoni kif l-Avukat Ġenerali jista' jitlob bil-miktub, fit-termini tal-Artikolu 405(8) tal-Kodiċi Kriminali. Fil-każ illi l-Avukat Ġenerali jidhirlu illi mill-provi kumpilati matul il-kumpilazzjoni, ma jirriżultax ippruvat xi reat li l-imputat ikun ġie mixli bih, allura l-Avukat Ġenerali jara illi ma jinkludix dan ir-reat fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju li jibgħat lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex, bil-kunsens tal-imputat, tiddeċiedi l-każ jew inkella ma jinkludix ir-reat fl-att ta' akkuża li eventwalment joħroġ wara l-għeluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni, skont il-każ. L-Uffiċjal Prosekutur ma kellu l-ebda setgħa li jagħmel dak li għamel fil-każ odjern, b'dan għalhekk illi huwa użurpa l-funzjonijiet tal-Avukat Ġenerali meta, wara li l-ewwel Qorti kienet diġa` għaddiet sabiex issib illi kien hemm raġunijiet biżżejjed, in kwantu għall-imputazzjonijiet oriġinali li huwa ġie mixli bihom, sabiex l-appellat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, iddeċieda li jirtira tnejn minn dawk l-imputazzjonijiet.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi fid-dawl ta' difett proċedurali li seħħ quddiem l-ewwel Qorti, tiddikjara *ex officio* l-proċeduri (u konsegwentement is-sentenza appellata) nulli u mingħajr effett u dan mill-mument ta' wara li ġie mibgħut lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja r-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2022. Għaldaqstant, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-Avukat Ġenerali u tordna li l-atti jiġu rimandati lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tissokta l-proċedura li għandha tiġi segwita wara li ġie mibgħut lilha l-imsemmi rinviju.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**